**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 13 ta` Lulju 2017**

**Kawza Nru. 3**
**Rik. Gur. Nru. 870/13 JZM**

**Dr. Suzanne Wolfe Martin bhala mandatrici tas-socjeta` Urtica limited registrata fil-Gzejjer Cayman**

***kontra***

**Geraldine Schembri (detentrici tal-karta tal-identita` 63769M) f`isimha proprju u bhala likwidatur ta` Bonatrans Group Holdings Limited (C-49189)**

***u***

**b`digriet tat-23 ta` Jannar 2014 Dr Suzanne Wolfe Martin giet awtorizzata tintervjeni fil-kawza *in statu et terminis* bhala mandatarja specjali tal-assenti Frantisek Komarek u tal-assenti Karel Komarek Sen**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat fid-9 ta` Settembru 2013 li jaqra :–

*i. Illi s-socjeta` esponenti (minn hawn `il quddiem `Urtica`) hija kumpanija rregistrata u inkorporata gewwa l-Gzejjer Cayman (kopja tac-certifikat ta` registrazzjoni hawn anness u mmarkat bhala `URT1`);*

*ii. Illi Urtica, flimkien mas-socjeta` Malverine Limited (kumpanija ohra rregistrata gewwa l-Gzejjer Cayman) kienu l-ahhar zewg azzjonisti ta` Bonatrans Group Holdings Limited (C-49189) (minn hawn `il quddiem `Bonatrans`) (kopja tal-Memorandum & Articles ta` Bonatrans hawn anness u mmarkat bhala `URT2`) ;*

*iii. Illi ai termini ta` rizoluzzjoni tas-socjeta` Bonatrans, tneddiet porcedura ta` xoljiment, liema wasslu sabiex l-intimata Geraldine Schembri tigi appuntata bhala likwidatur – is-socjeta` Bonatrans eventwalment giet stralcjata fir-4 jum ta` Ottubru 2011 (kopja tan-notifika da parti ta` l-Awtorita` Maltija ghas-servizzi finanzjarji hawn annessa u mmarkata bhala `URT3`) ;*

*iv. Illi sussegwentament, is-socjeta` Urtica nediet ezercizzju liema huwa intiz inter alia sabiex jistabilixxi li l-elementi li jikkostitwixxu x-xoljiment tas-socjeta` Bonatrans, kienu maghmula fl-ahjar interess tal-azzjonisti kollha, tas-socjeta` Bonatrans, kif ukoll tal-beneficjarji fosthom Karel Komarek u Frantisek Komarek;*

*v. Illi in vista tas-suespost inbdew proceduri gewwa l-Principat ta` Liechtenstein, liema wasslu sabiex it-tliet azzjonisti precedenti ta` Bonatrans (it-tlieta li huma fondazzjonijiet irregistrati gewwa l-istess Principat, gew eventwalment mibdula u posthom mehud mis-socjeta` rikorrenti u Malverine Limited), gew integrita` u restitwiti l-hajja u l-isem fir-registru tal-Principat, u per konsegwenza gie appuntat kuratur sabiex jiehu hsieb l-operat taghhom ;*

*vi. Illi in linea ma` dak li kien qieghed isehh gewwa gurisdizzjonijiet ohra, giet intavolta rikjesta ghal informazzjoni datata 14 ta` Mejju 2013 lil-likwidatur qua intimata fil-proceduri odjerni, bir-risposta datata 3 ta` Gunju 2012 inter alia tispecifika li,*

> *"Prior to analysing your requests with my lawyers, I have been advised to request from you an original, notarised and apostilled Resolution signed by all the directors of Urtica Limited, showing that they have appointed you to write*

*to me on behalf of Urtica Limited in respect of all the matters indicated in your letter"*
*(kopja tal-ittra u risposta hawn annessi u mmarkati bhala URT4) ;*

*vii. Illi tali mandat gie provdut kif kien rikjest, izda l-informazzjoni rikjesta xorta wahda ma gietx provduta u minflok gie inter alia suggerit li,*

*"The Company is no longer in existence and there are therefore no shareholders who can claim any shareholder rights"*

*(kopji tal-ittra u risposta hawn annessi u mmarkati bhala URT5) ;*

*viii. Illi ghaldaqstant, Urtica kienet kostretta li tintavola mandat ta` deskrizzjoni sabiex inter alia tikkawtela l-interessi taghha billi d-dokumenti li qed jintalbu minghand l-intimata qua likwidatur jigu mharsa u protetti (kopja tal-mandat ta` deskrizzjoni hawn anness u mmarkat bhala URT6);*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi ordni, provediment u dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, joghgobha :-*

*i. Tiddikjara li, is-socjeta` attrici ghandha d-drittijiet kollha, jew in parte, li jkollha access ghall-informazzjoni u dokumenti kollha, jew in parte, dwar Bonatrans Group Holdings Limited (C-49189) u dan in vista tal-pozizzjoni li hija kienet tokkupa fil-kumpanija Bonatrans Group Holdings Limited, qabel din giet xolta.*

*ii. Tiddikjara li r-rifjut da parti tal-konvenuta li tforni l-informazzjoni u d-dokumenti mitluba mis-socjeta` attrici, jikser l-obbligazzjonijiet assunti meta giet accettata l-hatra ta` likwidatur, u dan bi ksur ta` inter alia l-artikli li jirregolaw lil-likwidatur fil-kapitlu 386 tal-ligijiet ta` Malta.*

*iii. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex taghti access lis-socjeta` attrici ghall-informazzjoni kollha, jew in parte, u tforni kopji tad-dokumenti kollha, jew in parte, ilkoll relatati ma` Bonatrans Group Holdings Limited (C-49189) li din l-Onorabbli Qorti hekk iddikjarat.*

*iv. Tiddikjara li in vista tal-agir u komportament da parti tas-segretarju tas-socjeta` Bonatrans Group Holdings Limited (C-49189) fil-konfront tat-talbiet li saru mis-socjeta` attrici, l-istess socjeta` attrici sofriet id-danni pekunarji.*

*v. Tikkundanna, okkorrendo bl-opera ta` esperti nominati minn din l-Onorabbli Qorti, lill-konvenuta, thallas id-danni li gew ikkawzati mill-agir u l-komportament taghha.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa stess ingunta in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti.

Rat ir-risposta guramentata pprezentata fis-17 ta` Ottubru 2013 li taqra :–

***Risposta ghall-fatti ddikjarati***

*1. Illi l-fatti esposti fl-ewwel tliet paragrafi tad-dikjarazzjoni attrici mhumiex kontestati.*

*2. Illi dwar il-fatti ddikjarati fir-raba` paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici, trid issir prova dwar l-istess kif ukoll tar-rilevanza ghall-fatti tal-proceduri odjerni. In oltre jinkombi fuq l-attrici li taghmel l-ahjar prova dwar l-interess tal-imsemmija beneficjarji Karel Komarek u Frantisek Komarek kemm f`Bonatrans Group Holdings Limited u/jew is-socjeta` rikorrenti kif ukoll f`dawn il-proceduri.*

*3. Illi l-fatti ddikjarati fil-hames paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma kkontestati fis-sens li trid issir prova tal-proceduri allegati ghalkemm mhuwiex car x`rilevanza jista` jkollhom dawn il-proceduri ghaliex fl-ahhar mill-ahhar l-azzjonisti ta` Bonatrans Group Holdings Limited meta din tqeghdet fi stralc kienu proprju Malverine Limited u Urtica Limited;*

*4. Illi dwar il-fatti ddikjarati fis-sitt paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici, mhuwiex ikkontestat li hija rceviet l-ittra indikata tal-14 ta` Mejju 2013 u li hija baghtet risposta permezz ta` ittra datata 3 ta` Gunju 2013.*

*5. Illi l-fatti ddikjarati fis-seba` paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici mhumiex ikkontestati.*

*6. Illi ghal dak li jirrigwarda l-mandat ta` deskrizzjoni msemmi fil-paragrafu tmienja tad-dikjarazzjoni attrici, ghandu jizdied li l-esponenti intavolat proceduri ghar-revoka tal-istess mandat, liema proceduri ghadhom pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti;*

***<u>Eccezzjonijiet</u>***

*1. Preliminarjament in-nullita` tar-rikors guramentat ai termini tal-artiklu 789(1)(c) tal-Kap. 12 in kwantu kif gie redatt ir-rikors guramentat huwa nieqes ghalkollox minn kawzali car li jiddetermina l-bazi tal-kawza attrici.*

*2. Illi l-process ta` stralc gie konkluz u l-imsemmija socjeta` Bonatrans Group Holdings Limited giet struck off fl-4 ta` Ottubru 2011 wara li l-istess azzjonisti tal-kumpanija, inkluz Urtica Limited, approvat rizoluzzjoni sabiex il-kumpanija tigi xolta, approvat l-iskema ta` distribuzzjoni u l-operat tal-esponent qua stralcjarju, bil-konsegwenza ghalhekk li s-socjeta` attrici ma ghandha l-ebda drittijiet u/jew rimedji sakemm l-istess socjeta` tibqa` struck off. Kopja tal-iskema ta` distribuzzjoni u l-audited accounts tal-istralc huma hawn annessi.*

*3. Illi minghajr pregjudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li d-dokumenti u l-informazzjoni li qed jintalbu jirrigwardaw l-operat u t-transazzjonijiet tal-kumpanija Bonatrans Group Holdings Limited fl-istadju qabel ma giet formalment xolta u matul liema stadju kienu responsabbli ghall-operat tal-kumpanija d-diretturi.*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, ma jezisti l-ebda dritt skont il-ligi li jaghti dritt lill-azzjonista li jkollu access ghal dokumenti jew informazzjoni dwar il-kumpanija sew jekk kumpanija tkun qed topera normalment u sew jekk din tkun ghaddejja minn process ta` stralc; fuq kollox ma jezisti l-ebda obbligu fuq stralcjarju li jforni din l-informazzjoni lill-azzjonista aktar u aktar wara li ntemm il-process ta` stralc.*

*5. Illi l-esponenti ma ghandha l-ebda responsabbilta` ghad-danni fil-konfront tas-socjeta` attrici u fi kwalunkwe kaz mhuwiex minnu li s-socjeta` attrici sofriet xi danni pekunarji.*

*6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti.

Rat ir-risposta ulterjuri ta` Geraldine Schembri pprezentata fis-26 ta` Novembru 2013 li taqra hekk :–

*Illi peress li s-socjeta` attrici hija rregistrata gewwa l-gzejjer Cayman u tinsab rapprezentata f`dawn il-proceduri minn mandatarja specjali li mhijiex ta` nazzjonalita` Maltija u lanqas residenti hawn Malta, is-socjeta` attrici jehtieg li tirregolarizza l-atti tal-kawza odjerna billi skont il-ligi jehtieg li jkollha rappreżentanza gudizzjarja fizika gewwa Malta.*

Semghet ix-xhieda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

Rat illi fl-udjenza tal-11 ta` Lulju 2016 kien hemm qbil illi kull prova li tressqet fil-kawza fl-ismijiet *Dr Suzanne Wolfe Martin noe vs Claire Valletta Giordano et noe (Rik. Gur. Nru. 869/2013 JZM)* tkun tikkostitwixxi prova ghall-fini ta` din il-kawza.

Rat id-digriet illi tat fit-13 ta` Ottubru 2016 fejn ipprovdiet illi kienet sejra taghti decizjoni dwar l-ewwel tliet talbiet attrici.

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tat-28 ta` Novembru 2016 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghat-28 ta` Frar 2017 dwar l-ewwel tliet talbiet attrici.

Rat il-parti decizorja tas-sentenza li tat fit-28 ta` Frar 2017 li tghid :-

*Tichad l-eccezzjoni ulterjuri.*

*Tichad l-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet.*

*Tichad ir-raba` eccezzjoni limitatament u safejn din tirrelata mat-taghrif kollu (inkluz dokumenti) dwar it-twaqqif tal-kumpannija Bonatrans Group Holdings Limited (C49189).*

*Tilqa` r-raba` eccezzjoni limitatament u safejn din tirrelata mat-taghrif kollu (inkluz dokumenti) dwar l-operat tal-kumpannija Bonatrans Group Holdings Limited (C49189).*

*Tilqa` l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet attrici limitatament u safejn it-taghrif (inkluz dokumenti) huwa relatat biss mat-twaqqif tal-kumpannija Bonatrans Group Holdings Limited (C49189).*

*Tichad l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet attrici limitatament u safejn dawn jirrigwardaw taghrif (inkluz dokumenti) li huwa relatat mal-operat tal-kumpannija Bonatrans Group Holdings Limited (C49189).*

*Riferibbilment ghat-tielet talba, tordna lill-konvenuta sabiex sa zmien xahar mil-lum taghti lill-attrici noe t-taghrif kollu (inkluz dokumenti) li huwa relatat mat-twaqqif tal-kumpannija Bonatrans Group Holdings Limited (C49189).*

*L-ispejjez relatati mas-sentenza tal-lum jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.*

Rat illi fl-udjenza tat-8 ta` Gunju 2017 l-attrici pprezentat nota li permezz taghha kienu ceduti r-raba` u l-hames talbiet, izda fl-istess waqt zammet ferm dwar il-kap ta` l-ispejjez.

Rat id-digriet illi tat fl-istess udjenza fejn halliet l-kawza ghas-sentenza dwar il-kap ta` l-ispejjez bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet *Dr Suzanne Wolfe Martin noe vs Claire Valletta Giordano et noe (Rik. Gur. Nru. 869/2013 JZM).*

## II. <u>Id-decizjoni tal-lum</u>

**Din tal-lum hija decizjoni li tittratta l-kap tal-ispejjez ghall-provvediment taghha tat-12 ta` Mejju 2016, ghad-decizjoni taghha tat-28 ta` Frar 2017, u kif ukoll dwar ic-cessjoni mill-attrici tat-talbiet l-ohra fit-8 ta` Gunju 2017.**

## III. Provi

**Wara s-sentenza tat-28 ta` Frar 2017, ma tressqux provi godda. Ghalhekk il-gabra tal-provi li ghamlet fis-sentenza tat-28 ta` Frar 2017 tghodd ghall-fini tad-decizjoni tal-lum. Sabiex ma tirrepetix, tirreferi ghal dawk il-provi.**

## IV. L-ispejjez ghall-provvediment tat-12 ta` Mejju 2016

Fis-26 ta` Novembru 2015, l-attrici kienet ipprezentat rikors fejn talbet lill-Qorti sabiex tordna lill-konvenuta illi tipprezenta d-dokumenti deskritti bhala *tax return* u *letter of engagement* fil-kors tad-deposizzjoni taghha tas-6 ta` Ottubru 2015. Wara li rat ir-risposta li pprezentat il-konvenuta fit-12 ta` Jannar 2016, u wara li semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet, il-Qorti cahdet it-talba ta` l-attrici b`digriet li tat fit-12 ta` Mejju 2016 (fol 297 sa fol 300) izda halliet riservati ghall-gudizzju finali l-ispejjez ta` l-provvediment.

Il-Qorti tqis illi t-talba kif dedotta fir-rikors kienet prematura, peress li kieku kellha tkun akkolta f`dak l-istadju, kien ikun ifisser illi l-Qorti kienet tkun qeghda prattikament tippronunzja ruhha dwar il-mertu tat-talbiet u tal-eccezzjonijiet. Inoltre kif del resto ssenjalat fl-istess provvediment il-Qorti ma kenitx tal-istess fehma bhall-attrici illi l-konvenuta kienet obbligat ruhha li tipprezenta d-dokumenti in kwistjoni fil-kors tad-depozizzjoni taghha.

**Ghalhekk l-attrici ghandha thallas l-ispejjez taghha u tal-konvenuta relattivi ghal dan il-provvediment, filwaqt illi l-intervenuta fil-kawza ghandha tbati l-ispejjez taghha billi din tal-ahhar mhijiex parti fil-kawza**.

## V. L-ispejjez dwar l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet - decizi

Il-presentata tar-rikors guramentat kienet preceduta minn skambju ittri.

B`ittra tal-14 ta` Mejju 2013 (fol 39), l-attrici talbet lill-konvenuta sabiex taghtiha informazzjoni dwar Bonatrans Group Holdings Limited. Il-konvenuta wiegbet b`ittra tat-3 ta` Gunju 2013 (fol 40) fejn talbet li tinghata vera kopja tar-rizoluzzjoni tal-bord tad-diretturi ta` Urtica Limited li kien jawtorizza lill-attrici li taghmel dik it-talba. Wara li l-attrici pprovdiet l-awtorizzazzjoni (fol 41), l-

informazzjoni rikjesta baqghet ma nghatatx skont ittra tat-30 ta` Lulju 2013 (fol 42).

In segwitu, l-attrici pprezentat mandat ta` deskrizzjoni (fol 43 et seq u fol 211 et seq) sabiex tikkawtela l-interess taghha u sabiex id-dokumenti jigu mharsa u protetti. Wara l-mandat saret il-kawza. Aktar kmieni kien riprodott id-decide tas-sentenza li nghatat fit-28 ta` Frar 2017.

Huwa evidenti illi kemm mill-*considerandi* tas-sentenza, kif ukoll mill-parti decizorja, illi bis-sentenza tal-28 ta` Frar 2017, il-Qorti laqghet l-ewwel tliet talbiet limitatament mhux fl-intier taghhom.

Fin-nota ta` osservazzjonijiet taghha, l-attrici tishaq illi anke wara li nghatat is-sentenza, minkejja t-trapass taz-zmien ta` xahar prefiss fid-decizjoni, il-konvenuta baqghet inadempjenti. Madanakollu l-Qorti hija sprovvista minn prova ta` dak allegat mill-attrici. Lanqas sar verbal indikattiv ta` dak allegat fl-udjenzi ta` wara s-sentenza tat-28 ta` Frar 2017.

Il-Qorti taghmel riferenza ghall-**<u>Art 223(3) tal-Kap 12</u>** li jghid :-

*Fil-kazijiet kollha, il-qorti tista` tordna li kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha, meta kull wahda mill-partijiet tkun it-telliefa f`xi punt tal-kawza, jew meta jindahlu kwistjonijiet difficli tal-ligi, inkella ghal xi raguni tajba ohra.*

**Fil-kaz tal-lum, din id-disposizzjoni tapplika biss ghall-attrici u ghall-konvenuta peress illi l-intervenuta fil-kawza mhijiex *parti*.**

Il-Qorti hija tal-fehma illi din id-disposizzjoni ghandha tigi applikata ghar-rigward tal-ewwel tliet talbiet stante illi kif huwa ben evidenti mid-decide l-attrici kienet parzjalment *telliefa* (il-kelma tal-ligi) ghaliex l-ewwel tliet talbiet kif dedotti ma kienux milqugha fl-intier taghhom, filwaqt illi l-konvenuta kienet ukoll parzjalment *telliefa* (il-kelma tal-ligi) ghaliex l-eccezzjonijiet taghha kienu in parte milqugha u in parte michuda.

**Ghalhekk ghar-rigward tal-ewwel, tat-tieni u tat-tielet talbiet, il-Qorti qeghda tordna lill-attrici u lill-konvenuta sabiex ibatu l-ispejjez taghhom.**

**Billi mhijiex *parti*, l-intervenuta fil-kawza ghandha tbati l-ispejjez taghha.**

## VI. <u>L-ispejjez dwar ir-raba` u l-hames talbiet - ceduti</u>

Tajjeb jinghad illi fl-udjenza tal-11 ta` Lulju 2016, il-kawza kienet differita ghas-sentenza fir-rigward tat-talbiet kollha.

Kien imbaghad b`rikorsipprezentat fis-16 ta` Settembru 2016 illi l-attrici stess talbet lill-Qorti sabiex taghti sentenza biss dwar l-ewwel tlett talbiet.

Ir-raguni li gabet l-attrici kienet ghaliex *"f`kaz li din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi li l-attrici nomine ghandha dritt ghal dokumenti u informazzjoni, kollha jew in parte, tas-socjeta` Bonatrans Group Holdings Limited, jitwieled il-fatt li l-istess attrici nomine tkun soffriet xi forma ta` danni (damnum emergens zgur u possibilment annke lucrum cessans) – liema punt jista` jigi biss stability meta u wara li din l-Onorabbli Qorti taqta` u tiddeciedi l-ewwel tlett talbiet tas-sojceta` attrici."* (fol 327)

Il-konvenuta opponiet it-talba, billi sostniet li l-attrici kellha kull opportunita` li tressaq il-provi taghha dwar it-talbiet kollha. Ghalhekk fil-fehma tal-konvenuta, ir-rikors kien biss tentattiv biex tressaq provi dwar danni pretizi minnha wara li l-attrici ndunat illi ma kenitx ressqet provi dwar ir-raba` u l-hames talbiet (fol 331).

Il-Qorti kienet laqghet it-talba ta` l-attrici b`digriet li tat fit-13 ta` Ottubru 2016 (fol 332) u tat decizjoni dwar l-ewwel tliet talbiet fit-28 ta` Frar 2017.

Il-kawza thalliet ghall-provi dwar ir-raba` u l-hames talbiet attrici, izda sal-udjenza tat-8 ta` Gunju 2017 meta kienu ceduti ir-raba` u l-hames talbiet, l-attrici baqghet ma ressqet ebda provi.

**Tenut kont tal-premess, il-Qorti tqis illi ladarba l-attrici cediet ir-raba` u l-hames talbiet minghajr motivazzjoni, l-ispejjez relatati ma` dawk iz-zewg talbiet ghandha tbatihom hi wahedha, hlief ghall-ispejjez tal-intervenuta fil-kawza illi, ghax mhijiex parti, ghandha tbati hi l-ispejjez taghha.**

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi billi :-**

**Tordna lill-attrici noe sabiex thallas l-ispejjez taghha u tal-konvenuta pro et noe safejn dawn huma relatati mal-provvediment li tat fit-12 ta` Mejju 2016, filwaqt illi tordna lill-intervenuta fil-kawza noe sabiex tbati l-ispejjez taghha relattivi ghall-istess provvediment.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba` u tal-hames talbiet attrici stante li dawn it-talbiet kienu ceduti mill-attrici noe fil-mori tal-kawza, ghalkemm inzamm ferm il-kap tal-ispejjez fir-rigward ta` dawk iz-zewg talbiet.**

**Ghar-rigward tal-ewwel, tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici, tordna lill-attrici noe, lill-konvenuta pro et noe u lill-intervenuta fil-kawza noe sabiex ibatu l-ispejjez taghhom safejn dawn jirrigwardaw dawk it-talbiet.**

**Ghar-rigward tar-raba` u tal-hames talbiet, tordna lill-attrici noe sabiex thallas l-ispejjez taghha u tal-konvenuta pro et noe safejn dawn jirrigwardaw dawk it-talbiet, filwaqt illi tordna lill-intervenuta fil-kawza noe sabiex tbati l-ispejjez taghha safejn dawn jirrigwardaw l-istess talbiet.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Deputat Registratur**